MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' April, 2004

Numru 822/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Maria Stella Cutajar**
v

**PAUL GRIMA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAUL GRIMA** ta' wiehed w ghoxrin sena bin Giulio u Emanuela nee Aquilina, imwieled Pieta nhr l-ghaxra ta' Frar 1979 u residenti 'Madonna tal-Gilju', Triq s-Sorijiet, Paola, detentur ta' karta tal-identita numru 95079M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fil-perjodu ta bejn s-sena 1998 u t-tlieta ta' Dicembru 2000, fiz-Zejtun, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni

tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'ghemil zieni kkorrompa lil imsemmija minuri u cioe lil Claire u Deborah Abela kif wkoll lil Yanes u l-ahwa Anthea u Maria Degabriele kif wkoll lil Claire Zerafa, kollha persuni taht l-eta ta' tnax il-sena;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, offenda l-pudur jew il-morali tal-imsemmija persuni b'ghemil zieni li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghal pubbliku.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2003 kif jirrizulta a fol 158 tal-atti odjerni, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu nhar d-disgha ta' Frar 2004 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lil imputat jirregistra ammissjoni fis-seduta tal-ghoxrin ta' Marzu 2003 fil-presenza tal-avukat difensur tieghu kif jirrizulta mill-verbal a fol 151 tal-atti u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel seduta u cioe dik tat-tnejn u ghoxrin ta' Jannar 2001, l-imputat informa lil Qorti li huwa jinsab taht kura psikjatrika u ghalhekk dakinhar stess din **il-Qorti ghaddiet biex tinnomina lil Doctor Joseph Spiteri, konsulent psikjatriku** sabiex jezamina lil imputat u jirrelata dwar l-istat mentali tieghu.

Illi Doctor Joseph Spiteri ma espletawx l-inkarigu lilu moghti u fid-disgha w ghoxrin ta' Awissu 2001, din **il-Qorti issostitwitu billi nnominat lil espert psikjatriku Doctor Joseph Cassar** u permezz ta' nota ppresentata minnu kif jirrizulta a fol 61 tal-atti, talab li jkun assistit minn

psikologu kliniku biex jamminstra xi testijiet psikologici li jistghu jghinuh fil-konsiderazzjonijiet peritali tieghu.
Illi b'digriet taghha din il-Qorti kienet laqghet t-talba ta' Doctor Joseph Cassar w **innominat lil Doctor Dorothy Scicluna** sabiex tassisti lil espert psikjatriku Doctor Joseph Cassar fl-inkarigu moghti lilu biex taghmel testjiet psikologici.

Illi **Doctor Joseph Cassar xehed** nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2002 kif jirrizulta a fol 72 tal-atti, meta halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument JB mill-Qorti.

Illi l-konsiderazzjonijiet peritali kienu s-segwenti:

1. L-imputat Paul Grima jsofri minn nevrozi ta' ansja li taghtih sintomi ta' ansjeta, misthija, self esteem baxx u livelli konsiderevoli ta' dwejjaq;

2. Illi l-alkohol huwa sustanza maghrufa li tintuza minn diversi nies biex tnaqqas t-tensjoni w iggieghel lil persuna tkun disinibitata [disinhibited] u tnaqqas is-superego ahrax li persuni bhal dawn jbatu minnu [**Jaffe J. M. 1995 - *Susbstance related disorders*. In Harold I. Kaptan & Benjamin J. Sadock (Eds.) Comprehensive Textbook of Psychiatry VI pp. 755 - 887, Baltimore, MD, Williams & Wilkins**] kemm it-testijiet psikologici u kif wkoll l-ezami psikjatriku jindikaw illi l-imputat jaqa sewwa f'din il-kategorija;

3. *Blackout* definit bhala problema ta' memorja [anterogade amnesia] ghal perjodu ta' zmien meta l-persuna kienet qed tixrob hafna u baqghet imqajjma. Dan jista jsir mill-abilita li kull depressiv tal-mohh, bhal alkohol, li jfixkel l-akkwist tal-memorja jekk id-doza tkun kbira bizzejjed. Dan it-telf ta' memorja fih innifsu mhux bilfors marbut ma problema ta' dipendenza fuq l-alkohol. Intossifikazzjoni bl-alkohol klinikament taghti imgieba maladdata u tibdil psikologiku bhal imgieba sesswali mhux xierqa. [**Jaffe J. M. 1995 - *Susbstance related disorders*. Op cit. pg. 755 - 887**] l-imputat setgha sofra minn dawn iz-zewg problemi jigifieri li kien

intossikat bl-alkohol [kien ilu jixrob minn filghodu] u allura possibilment kellu mgieba sesswali maladdata u xejn xierqa u li imbaghad sofra minn *blackout.*

4. L-imputat qatt ma gie maqbud minn nies li jafuh sewwa jiehu gost b'pornografija, pornografija pedofila, esibizzjonizmu, frotterizmu jew parafilji ohra. Dawn ma hargux lanqas mill-ezamijiet psikjatrici tal-espert psikjatriku jew ta' Doctor Peter Muscat [t-tabib psikjatriku tal-imputat].

5. L-imputat m'ghadux juza l-alkohol biex jghin ruhu fil-problema tal-misthija u tnaqqis tal-ansjeta.

Fil-fehma tal-espert is-suesposti huma osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet ta' rizultat ta' ezamijiet li saru fuq l-imputat. Huwa jikkonkludi li l-imputat jbati minn nevrozi ta' ansja severa li ghal diversi snin kien jipprova jfejjaq bl-uzu tal-alkohol. Meta dan ecceda l-livell tas-soltu, l-imputat intossika ruhu u allura possibilment kellu imgieba sesswali maladdata u l-probabilita hi li l-alkohol kkawza *blackout* li tat lil imputat amnesija anterograda. Fil-fehma tieghu pero ghandu jibqa taht kura psikjatrika.

**Doctor Dorothy Scicluna xehdet** nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Jannar 2002 fejn spjegat li hija ghamlet test fuq l-imputat maghruf bhala Million Clinical Multiaxial Inventory -III. Dan t-test spjiegattiv huwa maghmul minn sett domandi u l-impuat irid jwiegeb veru jew falz u skond r-risposta tad-domandi tohrog l-analizi tal-personalita. Illi hija kkonkludiet li t-test psikologiku li ghamlet jissuggerixxi li l-imputat qieghed jsofri minn problemi ta' personalita pjuttost paranojka b'elementi depressivi u mazokisti. Jirrizultalha persuna pjuttost dipendenti u *avoidant*, jidher li hemm sens gholi ta' qtigh il-qalb, ta' nuqqas ta' fiducja fih innifsu u ansja rikorrenti izda kollha jezistu fuq livell nevrotiku u mhux psikoloku.

**Doctor Peter Muscat** il-konsulent familjari tal-imputat, **xehed** nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2003, fejn spjiega li l-ewwel darba li kien invista lil imputat kien fit-tnax ta' Dicembru 2000 meta l-imputat kien fil-kumpanija ta' missieru u gie

riferut lilu minn Doctor Joseph Cassar Delia. L-imputat kien irrakkuntalu storja li fit-tnejn ta' Dicembru 2000 u cioe dik l-istess gimgha, kien xorob xarba tajba wara loghba football u waqt li kien sejjer lura d-dar u cioe kien qed isuq, ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar, waqt li kien xurban u taht l-effett ta' alkohol huwa kkommetta xi reat li ma kien jiftakar xejn dwaru. Kien gie rappurtat lil Pulizija minn zewg tfajliet zghar li l-imputat kien espona ruhu. Huwa baqa taht il-kura tieghu ghal zmien twil u baqa jsegwih f'numru ta' sessjonijiet fejn indirizzalu xi problemi psikologici. L-imputat kellu problema ta' alkohol fis-sens li perjodikament kien jixrob b'mod eccessiv u f'dak il-perjodu kien jkollu *memory blackout*. Huwa ghalhekk spjiega li ghandu jzommu 'l boghod mill-alkohol. Fil-fehma tieghu l-imputat maz-zmien, il-konvinzjoni tieghu li m'ghandux jixrob u sakemm dam jarah u cioe sal-ghaxra ta' April 2003, l-imputat kien ghadu fi stat tajjeb u ma kienx qed jixrob. L-imputat ghandu support kbir mill-familja tieghu.

Il-Qorti rat wkoll l-istqarrija rilaxxjata minnu nhar s-sitta ta' Dicembru 2000, esibita fl-atti a fol 23, markata bhala dokument CSH fejn huwa spjiega li s-Sibt ta' qabel, kien mar jfittex xi habib z-Zejtun u ma sabux u spicca jixrob go hanut f'Rahal Gdid. Hemmhekk hu ltaqa ma xi hbieb ohra u qal li dam hemm sat-tlieta ta' wara nofsinhar. Huwa u sejjer lura lejn id-dar waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Skoda, bin-numru ta' registrazzjoni IAW 172, ra zewgt itfal bniet ghaddejjin wahedhom, ghogbuh, waqaf jkellimhom pero ma ftakarx x'qalilhom jew x'ghamel. Huwa spjiega li ma jafx x'ghamel u skuza ruhu ghal dak li setgha ghamel. Huwa ammetta li kellu l-vizzju tax-xorb u li xtaq jaghmel xi haga biex jaqta dan il-vizzju mishut.

Il-Qorti ezaminat l-okkorrenzi mehuda mill-Pulizija esibita fl-atti w immarkata bhala dokument CSH 7 a fol 13, CSH 8 a fol 17 u CSH 9 a fol 20 et seq tal-atti.

Jirrizulta li fit-tnejn ta' Dicembru 2000 Neville Abela ghan-nom ta' uliedu bniet minuri Claire u Deborah, irrapporta li ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar tal-istess jum, ragel bil-vettura Skoda waqaf jkellem lil uliedu w espona il-genitali tieghu u waqt li talabhom l-indirizz ta' veterinarju

talabhom jmissu l-organi sesswali tieghu.  Il-Pulizija kienu baghtu ghal imputat odjern li ammetta dan l-incident maghhom.

Fil-wiehed w ghoxrin ta' Lulju 2000 Angelo Zerafa ghan-nom ta' bintu Claire irrapporta li waqt li bintu minuri kienet qed tilghab quddiem r-residenza taghhom, ragel fi Skoda hamra talabha xi dettalji dwar persuna bl-isem Charlie u meta avvicinat il-vettura rat li din il-persuna kellu l-organi sesswali tieghu esposti.  Meta l-Pulizija baghtet ghal imputat, dan ammetta maghhom dan l-incident.

Dan l-ezercizzju il-Qorti ghamlitu ghaliex peress li l-vittmi minuri ma xehdux f'dawn il-proceduri, hija tkun taf f'hiex jikkonsisti l-korruzzjoni tal-minorenni u cioe l-grad ta' tali korruzzjoni w in oltre kif effettivament l-imputat offenda l-pudur jew il-morali tal-imsemmija persuni b'ghemil zieni f'post pubbliku.

Ma jirrizultax mill-atti il-grad ta' korruzzjoni milqugh mill-minorenni.

Il-Qorti rat li l-imputat ghandu fedina penali netta minghajr ebda kontravenzjoni jew reat registrat fuqha u ghalhekk ghandu jigi trattat bhala *a first time offender*.

Semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara li minn dan l-incident 'l hawn hija ma kellha ebda rapport iehor fuq l-imputat u sa fejn taf hi l-imputat beda fit-triq it-tajba.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat u li a bazi tal-istess l-Avukat Generali kien f'posizzjoni li jibghat l-artikoli u dan minghajr il-bzonn li l-minuri jixhdu f'dawn il-proceduri sabiex il-Qorti ssib htija kontra l-imputat w in oltre l-kaz gie deciz fi zmien ragonevoli stante l-ammissjoni tal-imputat.

Rat wkoll li l-imputat ikkopera bis-shih kemm mal-Prosekuzzjoni u cioe mill-bidu nett tal-investigazzjoni kif wkoll waqt l-andament tal-kawza kif wkoll mal-Qorti tul dawn il-proceduri odjerni.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, il-Qorti thoss li hemm ragunijiet mitiganti li jghinu lil Qorti tinzel taht il-minimu meta tigi biex tapplika l-piena.

Il-Qorti ma tridtx taghti l-impressjoni li qisu ma gara xejn ghaliex tali akkuzi huma ta' stmerrija specjalment meta jsiru fuq tfal ta' eta zghira u ta' innocenza kbira, pero minn naha l-ohra dak li ghamel l-imputat, ghalkemm skorrett, ma humiex daqstant gravi li jimmerita sentenza ta' prigunerija effettiva.

Il-Qorti thoss li ghandha taghti sentenza li ghandu jkollha l-forma ta' mannara mdendla fuq ras l-imputat bl-isperanza li jzomm 'l boghod mill-kriminalita u li jirrepeti incidenti ohra simili u ghalhekk thoss li fic-cirkostanzi il-piena idoneja hija dik ta' sentenza sospiza b'ordni ta' supervizzjoni.

Rat l-artikoli tal-ligi kif mibghuta mill-Avukat Generali u cioe l-artikolu 203(1)(b), 209, 17(b)(h), 20, 30, 383 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddecidi billi **tikkundanna lil imputat PAUL GRIMA ghal piena ta' sena prigunerija b'dan pero li tordna a tenur tal-artikolu 28A tal-Kap 9 li din il-piena ta' prigunerija m'ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul l-perjodu ta' erbgha snin mill-lum, l-hati Paul Grima, jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 22(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti qed tpoggi lil istess Paul Grima taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal tal-Probation John Testa bhala Ufficjal Sorveljanti ghaz-zmien kollu tal-perjodu operattiv u cioe ta' erbgha snin mill-lum.**

**Il-Qorti spjiegat fi kliem car lil hati kemm ir-responsabbilita tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk hu jikkommetti reat li ghalih hemm piena karcerarja matul l-perjodu operattiv, kif wkoll l-effetti ta' din l-ordni ta' supervizzjoni.**

**Il-Qorti tordna lil Ufficjal Sorveljanti John Testa jghin lil imputat jindirizza l-problema ta' xorb li hu ghandu**

**bil-possibilita li jattendi xi group session ma xi istituzzjoni li tittratta ma dan il-vizzju.**

**Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil hati Paul Grima sabiex jhallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' mitejn tlieta w erbghin lira maltin rappresentanti spejjes peritali inkorsi fil-hatra ta' Doctor Joseph Cassar u Doctor Dorothy Scicluna waqt dawn il-proceduri.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lil Ufficjal Sorveljanti John Testa.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------